TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 112/12-F

**Stephanie Pace**
**vs**
**International Sales Direct**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' ħames mija u sittin ewro (€560), rappreżentanti prezz ta' *solar water heater* u *electricity checker*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub u kkonfermat bil-ġurament, illi huma kienu marru jixtru *solar water heater* u wara li ġie nstallat innotat illi ma kinitx intitolata għar-rifużjoni ta' ħames mija u sittin ewro (€560), u kif ukoll ma ngħatatx il-*free electricity checker* illi kienet imwiegħda.

Is-soċjeta' ntimata *da parte* tagħha qalet illi kienet spjegat lir-rikorrenti li ma kinitx intitolata għal *government rebate* pero' kien se jinqata' erba' mitt ewro (€400) mill-prezz oriġinali tas-*solar water heater* sabiex jikkompeti man-nuqqas ta' *rebate* fuq dan il-mudell.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, kien iffaċċjat b'żewġ verżjonijiet, fejn ir-rikorrenti qiegħda tallega li ma ġiex spjegat tajjeb lilha dak li ġie miftiehem, filwaqt li l-intimat qed jallega li spjegalha kollox tajjeb.

Tant hemm diverġenza fil-verżjonijiet, illi żgur li xi ħadd mill-partijiet qiegħed jgħid il-verita'. Pero' t-Tribunal qiegħed jagħmel enfasi fuq l-*invoice* datata 14 ta' Lulju, 2011, fejn hemm indikat il-prezz oriġinali ta' elfejn ewro (€2,000), illi nqata' ammont minnu u l-prezz ġie elf, tliet mija u ħamsa u sittin ewro (1,365), u fil-ġenb hemm miktub '*not eligible for government rebate*', pero' dan xorta jħalli dubju meta dan ġie mniżżel.

It-Tribunbal, għalhekk għandu quddiemu dawn iż-żewġ verżjonijiet, u għaldaqstant qiegħed iżomm l-ekwita' u l-ġustizzja.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsa w sittin ewro (€165), li hija d-differenza bejn ir-roħs u r-*rebate*, u kif ukoll jordna lis-soċjeta' ntimata tikkonsenja l-*electricity checker* fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni, u jekk dan ma jiġix ikkonsenjat, is-soċjeta' ntimata trid tħallas mitejn ewro (€200) oħra apparti l-ammont indikat ta' mija u ħamsa w sittin ewro (€165), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**